

Paġna Ewlenija > ... > Proċeduri Tal-qorti > Kawżi Ċivili > Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli? > Slovenia

Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

 Slovenja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Fis-Slovenja, il-qrati lokali (okrajna sodišča) u l-qrati distrettwali (okrožna sodišča) għandhom il-ġuriżdizzjoni għall-kawżi ċivili fl-ewwel istanza. Huma għandhom il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar kull kwistjoni u tilwima tipika tad-dritt ċivili u (l-għoti ta' kumpens, proprjetà, tilwim familjari, eċċ.). Id-demarkazzjoni tal-ġuriżdizzjoni bejn il-qrati lokali u dawk distrettwali hija ttrattata hawn taħt.

Il-qrati distrettwali biss għandhom ġuriżdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu kawżi relatati mad-dritt kummerċjali fl-ewwel istanza. It-tilwim kummerċjali huwa meta kull waħda mill-partijiet f'kawża ċivili tkun kumpanija, istituzzjoni (inklużi istituzzjonijiet pubbliċi), kooperattiva, l-istat jew komunità lokali awtogovernanti. It-tilwim kummerċjali huwa wkoll meta jkun dwar ir-relazzjonijiet ġuridiċi bejn kummerċjanti waħdiena li joriġinaw mill-attività ta' qligħ tagħhom, u kumpanija, istituzzjoni (inklużi istituzzjonijiet pubbliċi), kooperattiva, l-istat jew komunità lokali awtogovernanti.

Il-liġi tagħti l-ġuriżdizzjoni dwar tilwim industrijali lill-qrati industrijali (delovna sodišča) u lill-qrati soċjali (socialna sodišča), anke jekk il-kawża tkun tinvolvi tilwima ċivili. It-tilwim industrijali jinvolvi r-relazzjonijiet bejn impjegatur u impjegat li jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mir-relazzjonijiet industrijali. Il-qrati industrijali għandhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu tilwim industrijali individwali (tilwim li jkun ġej minn relazzjonijiet industrijali, tilwim relatat mad-drittijiet tal-proprjetà relatata ma' din ir-relazzjoni), tilwim industrijali kollettiv (tilwim fejn waħda mill-partijiet tkun normalment trejtdunjin jew xi forma istituzzjonali oħra ta' rappreżentanza tal-impjegati), tilwim relatat mal-legalità tal-istrakkijiet, u tilwim relatat mad-drittijiet tal-impjegati għall-parteċipazzjoni mill-impjegat fit-tmexxija tal-kumpanija), li hija stabbilita fil-liġi Slovena. Il-qrati soċjali jiddeċiedu dwar id-drittijiet li jiġu mill-assikurazzjoni tad-diżabbiltà u tal-pensjonijiet, l-assikurazzjoni tas-saħħa u l-assikurazzjoni kontra l-qgħad, u dwar id-dritt għall-familja u l-benefiċċji soċjali.

Peress li l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni tqum biss meta jitressaq rikors jew talba quddiem il-qorti (qabel ma l-qorti tisma' jew tiddeċiedi l-kawża, hija tiddetermina jekk il-kawża hix fil-ġuriżdizzjoni tagħha), huwa rakkomandat li qabel kollox wieħed jikkonsulta avukat biex jevita dewmien bla bżonn. F'kull proċedura li tisma', il-qorti trid dejjem tagħti kas il-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni, u tiżgura li l-ebda korp ieħor ma għandu l-ġuriżdizzjoni tal-kawża (pereż. korp amministrattiv). Jekk issib li hekk ikun hemm bżonn, il-qorti jkollha tiċħad it-talba tar-rikorrent; dan iwassal għal telf ta' ħin bla bżonn u żieda fl-ispejjeż għall-parti.

Tagħrif dwar l-organizzazzjoni, il-lokalità u l-ġuriżdizzjoni tal-qrati jinsab ukoll fis-sit uffiċjali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja (Vrhovno sodišče Republike Slovenije): <http://www.sodisce.si/>

2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati

responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

Rikors jista' jittersaq quddiem kwalunkwe qorti tar-Repubblika tas-Slovenja, imma kull min iressaq rikors irid joqgħod attent għall-ġurisdizzjoni *ratione materiae* (liema qorti għandha l-ġurisdizzjoni skont il-kontenut tal-kawża) u l-ġurisdizzjoni territorjali. Tagħrif bażiku, inklużi l-indirizzi tal-qrati lokali u distrettwali kollha fis-Slovenja, hija disponibbli fis-sit tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja: <http://www.sodisce.si/>

Fis-Slovenja, il-ġurisdizzjoni *ratione materiae* fl-ewwel istanza jew il-possibilità li qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar talba speċifika ta' parti, hija maqsuma bejn il-qrati lokali u dawk distrettwali. Iż-żewġ kriterji li ġejjin huma deċiżivi meta jiġi deċiż liema qorti tkun se tiddeċiedi l-kawża: il-valur tat-talba (suġġett tat-tilwima) u l-bażi ġuridika għar-relazzjoni li hija l-bażi tat-tilwima (kontenut u s-suġġett tat-tilwima).

Ir-regola ġenerali hija li qorti distrettwali tiddeċiedi dwar tilwimiet iktar importanti, meta s-suġġett tat-tilwima jkun ta' valur għoli, meta t-tilwima jkollha rilevanza sinifikanti għall-ħajja ta' parti, jew meta tkun ġuridikament kumplessa, peress li l-qrati huma obbligati, fid-deċiżjoni tagħhom, biex japplikaw il-liġijiet li jindirizzaw kwistjonijiet ġuridiċi kumplessi u sensitivi (pereż. id-divorzju, il-manteniment tat-tfal).

Il-qrati superjuri b'ġurisdizzjoni ġenerali (višja sodišča), li hemm erbgħa minnhom fis-Slovenja, jiddeċiedu fit-tieni istanza. Mhuwiex possibbli li tiftaħ kawża direttament ma' dawn il-qrati. Il-qrati superjuri jiddeċiedu appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' qrati lokali u distrettwali; huma jiddeċiedu wkoll fuq tilwim relatati mal-ġurisdizzjoni bejn qrati lokali u distrettwali fil-qasam tal-pajjiż li jkopru.

Il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi l-appelli kontra s-sentenzi tal-qrati superjuri, speċjalment deċiżjonijiet relatati mar-reviżjonijiet u t-talb għall-protezzjoni tal-legalità. Meta jiġu ppreżentati rimedji legali straordinari, parti interessata trid tkun assistita minn avukat — bil-liġi, avukati kkwalfikati biss jistgħu jwettqu atti proċedurali speċifiċi quddiem il-Qorti Suprema.

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Kif intqal fil-punt preċedenti, il-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza hija maqsuma bejn il-qrati lokali u dawk distrettwali; madankollu, dawn iż-żewġ qrati mhuwiex f'relazzjoni ġerarkika stretta. Il-ġurisdizzjoni tal-qrati hija ddeterminata mil-liġi, imma b'mod ġenerali huwa minnu li l-qrati distrettwali jisimgħu kawżi li jkunu iktar kumplessi fil-liġi u fil-fatti.

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili (Zakon o pravdnem postopku, ZPP) jistipula li l-qrati lokali, li b'kolloxx hemm 44 minnhom fis-Slovenja, għandhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu l-kawżi li ġejjin:

- kawżi dwar proprjetà, jekk il-valur tas-suġġett tat-tilwima ma jkunx jaqbeż l-EUR 20 000;
- tilwim relatat mad-dħul fi proprjetà bla jedd;
- tilwim relatat ma' servitù u gravami;
- tilwim relatat mar-relazzjonijiet ta' kera jew lokazzjoni.

Il-qrati lokali jisimgħu wkoll kawżi dwar l-għajnuna legali meta l-ebda qorti oħra ma jkollha l-ġurisdizzjoni skont il-liġi, kif ukoll kawżi oħra determinati mil-liġi.

Il-Qrati distrettwali, li hemm 11 minnhom fis-Slovenja, għandhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu l-kawżi li ġejjin:

- kawżi dwar proprjetà, jekk il-valur tas-suġġett tat-tilwima jkun jaqbeż l-EUR 20 000;
- kawżi biex tiġi ddeterminata jew ikkontestata l-paternità jew il-maternità;
- tilwim matrimonjali;
- tilwim relatat mal-obbligi legali tal-manteniment;
- tilwim dwar il-ħarsien u t-trobbija tat-tfal;
- tilwim relatat mal-kuntatt tat-tfal mal-ġenituri u ma' persuni oħrajn, meta jkunu solvuti flimkien ma' tilwim relatat mal-ħarsien u t-trobbija tat-tfal;
- tilwim relatat mad-drittijiet tal-awtur, u tilwim relatat mal-ħarsien u l-użu ta' invenzjonijiet u marki

kummerċjali jew id-dritt għall-użu ta' isem kummerċjali, u f'tilwim relatat mar-regoli ta' protezzjoni tal-kompetizzjoni;

- tilwim kummerċjali;
- tilwim li jiġi minn proċedura ta' falliment.

Deċiżjonijiet dwar drittijiet ta' proprjetà intellettwali fl-ewwel istanza huma fil-ġurisdizzjoni territorjali esklussiva tal-Qorti Distrettwali ta' Ljubljana. Il-qrati distrettwali għandhom ġurisdizzjoni wkoll fuq talbiet għal għajnuna legali internazzjonali u għal għajnuna legali fi proċeduri biex sentenzi minn qrati barranin ikunu rikonnoxxuti, u jisimgħu wkoll kważi oħrajn kif determinat mil-liġi.

2.2 Ġurisdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

Fil-prinċipju, jista' jressaq rikors f'kull waħda mill-qrati tal-ewwel istanza fis-Slovenja msemmija fil-punti ta' hawn fuq. Il-qorti fejn parti tressaq rikors trid tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha biex tisma' l-kawża qabel ma tibda tiddeċiedi l-kawża. Jekk issib li ma għandhiex ġurisdizzjoni territorjali f'kawża speċifika, tista' tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni u ċċedi l-kawża lil qorti oħra, għalkemm hija tkun meħtieġa tagħmel hekk biss jekk il-kontroparti tiġbed l-attenzjoni tagħha lejn in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Madankollu, hija obbligata li tagħmel hekk jekk qorti oħra jkollha ġurisdizzjoni territorjali esklussiva li tiddeċiedi hi. Minkejja dan, hemm regoli ġenerali li japplikaw biex tiġi ddeterminata l-ġurisdizzjoni territorjali ta' qrati li jitqiesu sabiex jiġi żgurat li l-ispejjeż jinżammu baxxi u l-proċedimenti jkunu solvuti malajr kemm jista' jkun.

Iz-ZPP fiha regola dwar il-ġurisdizzjoni territorjali ġenerali u speċifika; din hija ddeterminata b'relazżjoni mas-suġġett tat-tilwima u partijiet tagħha. Id-dettalji huma stabbiliti fil-punti ta' hawn taħt.

2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġurisdizzjoni territorjali

Din tistipula li kawża miftuħa kontra persuna fiżika jew entità ġuridika trid tinfetaħ fil-qorti li tkopri ż-żona fejn l-intimat ikollu r-residenza permanenti tiegħu jew fejn l-entità ġuridika jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha. Jekk il-kawża tkun kontra persuna fiżika jew entità ġuridika barranija, il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali tkun il-qorti li tkopri ż-żona fejn il-persuna fiżika jkollha r-residenza tagħha fis-Slovenja jew fejn l-entità ġuridika jkollha l-uffiċċju tal-fergħa tagħha.

2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

F'ċerti każijiet, iz-ZPP jagħti lill-partijiet f'kawża l-possibilità li jressqu rikors quddiem qorti oħra minflok dik li jkollha ġurisdizzjoni territorjali ġenerali skont ir-regola. F'kawżi definiti b'mod speċjali (fir-rigward tas-suġġett jew tal-kontenut tat-tilwima), parti tista' tressaq azzjoni biss mal-unika qorti li jkollha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi l-kawża kkonċernata; f'dan il-każ, din tissejjaħ ġurisdizzjoni territorjali esklussiva.

Jekk rikorrent iressaq rikors quddiem qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni territorjali, dan jiġi ddikjarat hekk u l-kawża tiġi ttrasferita lejn qorti oħra li jkollha ġurisdizzjoni u l-kawża tkompli daqslikieku nbdiel hemm.

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

Kif intqal fuq, f'ċerti każijiet jista' jkun li żewġ qrati jkollhom ġurisdizzjoni territorjali simultanament. F'dan il-każ, parti fil-kawża tkun tista' tagħżel f'liema qorti tippreżenta r-rikors (ġurisdizzjoni selettiva).

Ġurisdizzjoni ta' dan it-tip hija definita fl-Artikoli minn 49 sa 65 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili; għalhekk, huma biss il-kawżi l-iktar importanti, u dawk l-iktar rilevanti għall-ħajja tal-partijiet fil-kawża, li huma spjegati hawn taħt.

F'tilwim relatat mal-manteniment tal-konjuġi, mhix biss il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali li jkollha l-ġurisdizzjoni, imma anki l-qorti li tkopri ż-żona fejn ir-rikorrent (il-benefiċjarju tal-manteniment) ikollu r-residenza permanenti tiegħu. L-għażla tal-qrati teżisti wkoll għall-partijiet f'tilwim matrimonjali (kawżi tad-divorzju). F'dan il-każ, il-qorti li tkopri ż-żona fejn il-konjuġi kellhom l-aħħar residenza matrimonjali permanenti tagħhom ikollha l-ġurisdizzjoni. F'tilwim biex tiġi ddeterminata jew ikkontestata l-paternità jew il-maternità, il-ġurisdizzjoni tkun ukoll tal-qorti li tkopri ż-żona fejn it-tifel, li skont il-leġiżlazzjoni Slovena jista' jressaq rikors, ikollu r-residenza permanenti jew temporanja tiegħu. Meta qorti fis-Slovenja jkollha l-ġurisdizzjoni f'tilwim bħal dan, jiġifieri

minħabba li r-rikorrent ikollu residenza permanenti fis-Slovenja, il-ġurisdizzjoni territorjali tkun tal-qorti li tkopri ż-żona fejn ir-rikorrent ikollu r-residenza permanenti. F'tilwim mhux kuntrattwali għall-kumpens (dawn ikunu l-iktar kawżi relatati ma' inċidenti tat-traffiku), il-qorti li tkopri ż-żona fejn saret il-ħsara (pereż. il-lokalità tal-inċident tat-traffiku) jew il-qorti li tkopri ż-żona fejn inħassew il-konsegwenti tal-ħsara jkollha l-ġurisdizzjoni, flimkien mal-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali. F'każ li tinqala' ħsara li twassal għal telf ta' ħajja jew korriment serju, il-qorti li tkopri ż-żona fejn ir-rikorrent ikollu r-residenza permanenti jew temporanja tiegħu jkollha l-ġurisdizzjoni wkoll. F'tilwim li jiġi minn relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet, il-qorti li tkopri ż-żona determinata bħala ż-żona fejn ir-relazzjonijiet kuntrattwali jkunu ssodisfati jkollha ġurisdizzjoni; jeżisti arranġament simili fir-rigward ta' tilwim li jikkonċerna kambjali jew ċekkijiet (il-qorti li tkopri ż-żona fejn isir il-ħlas).

Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni selettiva tapplika wkoll f'tilwim relatat ma' relazzjonijiet kuntrattwali tal-konsumatur fejn ir-rikorrent ikun konsumatur (persuna fiżika). F'każijiet bħal dawn, mhix biss il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali li jkollha l-ġurisdizzjoni, imma anki l-qorti li tkopri ż-żona fejn il-konsumatur ikollu r-residenza permanenti jew temporanja tiegħu. Jekk ir-rikorrent f'tilwima relatata ma' relazzjoni kuntrattwali mal-konsumatur tkun kumpanija, il-ġurisdizzjoni tikkonċerna l-qorti li tkopri ż-żona li fiha l-konsumatur ikollu r-residenza permanenti jew temporanja tiegħu. Ġurisdizzjoni territorjali differenti tista' tapplika biss jekk il-konsumatur u l-kumpanija jidħlu fi ftehim wara li jkun qam it-tilwim jew ftehim li jippermetti wkoll lill-konsumatur li jiftaħ il-proċedimenti quddiem qrati oħrajn. F'tilwim relatat ma' relazzjonijiet ta' assigurazzjoni fejn l-intimat ikun kumpanija tal-assigurazzjoni, mhumiex biss il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali u l-qorti li tkopri ż-żona fejn il-fergħa tal-kumpanija tal-assigurazzjoni jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha li jkollhom il-ġurisdizzjoni, iżda wkoll il-qorti li tkopri ż-żona fejn ir-rikorrent ikollu r-residenza permanenti jew temporanja jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu. F'tilwim relatat ma' relazzjonijiet ta' assigurazzjoni, kumpanija tal-assigurazzjoni tista' tippreżenta talba biss quddiem qorti li tkopri ż-żona li fejn l-intimat, li jkun id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, il-persuna assicurata jew il-benefiċjarju tal-assigurazzjoni, ikollu r-residenza permanenti jew temporanja jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu. Ġurisdizzjoni territorjali differenti tista' tapplika biss jekk il-partijiet fil-kawża jidħlu fi ftehim wara li jkun qam it-tilwim jew ftehim li jippermetti wkoll lid-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, il-persuna assicurata jew il-benefiċjarju tal-assigurazzjoni jiftaħ il-proċedimenti quddiem qrati oħrajn.

Każijiet oħrajn ta' ġurisdizzjoni selettiva, kif indikat, huma mniżżlin fl-Att dwar il-Proċedura Ċivili.

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

F'każijiet speċifiċi, il-liġi tippreskrivi ġurisdizzjoni territorjali speċjali u tiddefinixxi qorti bħala l-unika qorti b'ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi kawża speċifika. Din tissejjaħ ġurisdizzjoni territorjali esklussiva, u tapplika kif ġej:

- għal tilwim relatat mad-drittijiet ta' proprjetà immobbli, mad-dħul fi proprjetà bla jedd u mal-kiri u l-lokazzjoni ta' proprjetà, il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali esklussiva tkun il-qorti li tkopri ż-żona fejn tinsab il-proprjetà;
- għal tilwim relatat mad-drittijiet reali għal bastimenti marittimi jew inġenji tal-ajru (u tilwim relatat mal-kiri tagħhom), il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali esklussiva tkun il-qorti li tkopri ż-żona fejn jinżamm ir-reġistru fejn hemm irreġistrat il-bastiment marittimu jew l-inġenju tal-ajru;
- għal tilwim li jinqala' waqt jew minħabba proċedimenti ta' eżekuzzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva u tilwim li jinqala' waqt jew fir-rigward ta' proċeduri ta' falliment, il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali esklussiva tkun il-qorti fiż-żona fejn tinsab il-qorti li qed tmexxi l-eżekuzzjoni jew il-proċeduri ta' falliment.

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġurisdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

Il-leġiżlazzjoni Slovena tippermetti lill-partijiet f'kawża speċifika biex jiftiehm u dwar il-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-ewwel istanza (ftehim dwar ġurisdizzjoni territorjali). Ftehim bejniethom jista' jibdel il-ġurisdizzjoni territorjali kif definita mil-liġi, għalkemm wieħed irid jenfasizza li l-partijiet ma jistgħux jagħmlu ftehim biex jiddeterminaw il-ġurisdizzjoni *ratione materiae*; dik tista' tiġi ddeterminata biss mil-liġi (cf. l-ispejgazzjoni ta' hawn fuq).

Il-partijiet jistgħu jiftiehm li qorti tal-ewwel istanza illi kieku ma jkollhiex ġurisdizzjoni territorjali tkun tista' tisma' l-kawża tagħhom. Il-kundizzjoni bażika li l-partijiet iridu jissodisfaw hija li l-qorti li jaqblu fuqha jkollha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar kontenut tal-kawża jew li jkollha l-ġurisdizzjoni *ratione materiae* (cf. is-separazzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati lokali u dawk distrettwali). Ftehim ma jkunx permess lanqas meta l-liġi tipprovdi qorti b'ġurisdizzjoni territorjali esklussiva (cf. il-punt ta' qabel dan).

Ftehim bejn il-partijiet irid isir bil-miktub u jrid ikun relatat ma' tilwima speċifika jew tilwima futura li tingala' jew li tista' tingala' mir-relazzjoni ġuridika speċifika tagħhom. Id-dokument tal-ftehim irid jinhemeż mir-rikorrent mar-rikors li jiftaħ il-proċedimenti quddiem il-qorti kkonċernata. Importanti li jkun innutat li ftehim dwar ġuriżdizzjoni territorjali ma jstax isir waqt il-proċedimenti - jiġifieri, meta jkun diġà tressaq rikors quddiem qorti, mingħajr ftehim ta' din ix-xorta meħmuż.

3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

Is-sistema ġudizzjarja Slovena ma għandhiex qrati speċjalizzati fil-qasam tad-dritt ċivili jew kummerċjali (pereż. qrati speċjali tal-familja li jsolvu tilwim matrimonjali jew tilwim bejn il-ġenituri u wliedhom), peress li l-kawżi ċivili kollha jkunu solvuti fil-qrati lokali u distrettwali, jew id-dipartimenti ċivili u kummerċjali tagħhom. Il-qrati għandhom dipartimenti organizzati (ċivili, tal-familja, kummerċjali, tal-eżekuzzjoni, tal-kawżi li ma jinvolvux litiġju, taċ-ċertifikazzjoni). B'mod ġenerali, imħallfin speċjalizzati jiddeċiedu kawżi f'dawn id-dipartimenti u jaqtgħu sentenza tal-qorti.

Qrati speċjali jiġu organizzati biss għal tilwim industrijali u soċjali, li l-ġuriżdizzjoni u l-organizzazzjoni tagħhom huma spjegati fil-kummenti tal-bidu.

Hoq relatati

<http://www.sodisce.si/>

<http://www.dz-rs.si/wps/portal/Home/deloDZ/zakonodaja/preciscenaBesedilaZakonov>

<https://www.uradni-list.si/glasilo-uradni-list-rs>

<http://www.pisrs.si/Pis.web/>

■ L-aħħar aġġornament: 08/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.